TAL-PIETA`

# MINUTI

## It-tmien Legislatura - SEDUTA Nru. 41

It-Tnejn, 29 ta' Awwissu, 2022

Il-Kunsill Lokali ta' Tal-Pieta` ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 11, Il-Pellikan, Triq K. Mifsud, Tal-Pieta`, fit-3.30p.m.

Is-Sindku Zoya Attard ippresidiet.

**PREZENTI**

Kienu prezenti, is-Sindku Zoya Attard, il-Vici Sindku Anthony Camilleri u l-Kunsillieri Mark Pisani u Stefano Savo.

Il-Kunsillier Josef Fitzpatrick informa li kien xoghol u ghalhekk gie skuzat.

**TALBA**

Is-Sindku qalet it-talba.

## 1. MINUTI

*1.1* Il-minuti tas-Seduta Nru. 39 li saret nhar l-Erbgha, 20 ta' Lulju, 2022 u tas-Seduta b urgenza Nru.40 li saret nhar il-Gimgha, 12 ta' Awwissu, 2022, kienu approvati.

## 2. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

*2.1* Tressqet quddiem il-Kunsill l-ittra ta' apologija minghand il-Kunsillier Josef Fitzpatrick li nforma li kien xoghol.

## 3 HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

*3.1* ***Kuncert ghal Jum il-Lokal***. Il-Kunsill gie nfurmat li ghall-kuncert, li ser isir is-Sibt, 17 ta' Settembru, ser ikun hemm il-Puse` u l-band tieghu flimkien ma' kantanti stabbiliti ohra. Ser ikun qed jitqassam flyer f'kull residenza biex issir pubblicita` ta' dan il-kuncert. Qabel, fis-6.30pm ser issir quddiesa fil-Knisja tal-Madonna ta' Fatima.

*3.2* ***Gieh Tal-Pieta`*** Is-Sindku infurmat li ser jinghata rikonoxximent lil kull ghaqda fil-lokal ghal hidma taghha. Dwar Gieh Tal-Pieta`, il-Kunsillier Pisani irrakomanda lis-Sinjura Mary Rose Ciantar ghal dan il-premju. Is-Sinjura Ciantar tat kontribut kbir fil-kor tal-knisja u f'diversi aspetti ohra fl-ambjent tal-Knisja. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Is-Segretarju Eezkuttiv qal li jkun tajjeb li ghal darb'ohra, jilhaq ikun hemm set ta' regolamenti dwar kif ghandu jinghata dan l-unur.

*3.3* ***Clean Up The World 2022*** Kien hemm qbil li l-attivita` tal-Clean up the World issir nhar it-Tlieta, 13 ta' Settembru, wahda filghodu u ohra filghaxija.

## 4 QUARTERLY FINANCIAL REPORT (APR-JUN 22)

*4.1* Tressaq quddiem il-Kunsill il-Quarterly Financial Report ghall-perjodu Jannar – Gunju 2022 (Appendici A). F'dan il-kwart, ghalkemm ma sar l-ebda infieq straordinarju, il-Kunsill qieghed jirregistra deficit ta' €7,158. Dan jirrizulta mill-awment fil-prezz tas-servizz tal-gbir tal-iskart bil-kuntratt il-gdid. Madankollu in-net current asset position tal-Kunsill ghadha wahda pozittiva. Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar li aktar tard matul din is-sena, dan is-servizz ser jibda jinghata fuq bazi regjonali.

*4.2* Is-Sindku, ssekondata mill-Vici Sindku ressqet mozzjoni sabiex jigi approvat dan ir-rapport. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

## 5 KORRISPONDENZA

*5.1* Is-Segretarju Ezekuttiv informa li hemm talba ghat-tpoggija ta' Tower Crane fi Triq Zammit Clapp, kif iddur minn Triq ix-Xatt. Il-Kunsill gie nfurmat li t-triq xorta se tibqa' accessibli ghal karozzi izda fil-perjodu li jkun hemm it-tower crane armat trid issir one

way. Il-Kunsill unanimament qabel li ma jsibx oggezzjoni ghal dan diment li t-triq tibqa' accessibli ghal karozzi u li jingiebu l-permessi l-ohra mehtiega.

## 6 MISTOQSIJIET

***6.1*** Il-Kunsillier Pisani staqsa jekk jistghux jitnehhew il-barriers tal-plastic li hemm fi Pjazza San Luqa. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li dawk qeghdin hemm biex ma jidhlux karozzi fil-bus lane. Huwa qal li dawn iridu jintlew bl-ilma biex ma jiccaqilqux. Huwa importanti li ghalissa ma jghaddux karozzi minn fuq dan il-paviment ghax issirlu l-hsara.

***6.2*** Il-Kunsillier Pisani informa lill-Kunsill li l-hanut Dolce Sicilia kien se jaghmel pot fejn hemm il-gallarija baxxa hdejn il-hanut fi Triq Santa Monika k/m Triq San Luqa sabiex jitnehha l-periklu ghal min ikun miexi.

***6.3*** Il-Kunsillier Pisani qal li hemm il-bzonn li jitnaddfu zewg spralli hdejn Blokk C1. Dawn iz-zewg spralli kienu *welded* biex ma jaghmlux hsejjes meta jghaddu minn fuqhom il-karozzi. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kien se jkellem lill-haddiema biex dawn isiru izda qabel ghandu jinstab minfejn se jgibu elettriku.

***6.4*** Il-Kunsillier Pisani staqsa jekk jistghux jizdiedu bins fi Pjazza San Luqa u fil-gnien tat-Torpedo Depot u wiehed tal-klieb fi Triq Pietru Xuereb. Is-Sindku qalet li kienet qed tahdem fuq dan sabiex jizdiedu bins f'dawn il-postijiet.

***6.5*** Il-Kunsillier Savo staqsa jekk jistghux isiru tabelli fuq il-green bays fi Triq Guze Ellul. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li dawn se jigu ordnati.

***6.6*** Il-Kunsillier Savo staqsa jekk tistax issir *bike rack* hdejn Pjazza Isidor Formosa, Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li l-Kunsill ghandu jara japplikax minn xi skema li tista' tohrog minn zmien ghal zmien.

## 7 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

*7.1* Ma kienx hemm Komunikazzjoni tas-Sindku.

## 8 APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS*

***8.1*** Is-Sindku, ssekondata mill-Vici Sindku, ressqet mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 37. Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con.*

**9. TMIEM**

***9.1*** Fl-4.15pm intemmet is-Seduta.  Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tnejn, 26 ta' Settembru, 2022, fil-4.45pm.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Zoya Attard
Sindku